MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 660/2006

**Talba Nru: 660/06PBC**

**Visa Investments Limited (C10229)**

**Vs**

**Brian Bugeja**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm453.39c)

rapprezentanti import ta' spejjez ta' manutensjoni tal-partijiet komuni tal-blokk fejn jinsab l-appartament numru 9, Tigne Seafront, Sliema ghall-perjodu li l-konvenut kien proprjetarju ta' l-istess appartament.
Ra r-Risposta li biha l-konvenut wiegeb:

i. Illi huwa qatt ma rcieva talba ghall-hlas minghand is-socjeta' attrici u ghalhekk, ikun xi jkun l-ezitu ta' din l-azzjoni huwa m'ghandux jehel ebda imghax jew spejjez gudizzjarji;

ii. Illi huwa ghandu jiehu minghand is-socjeta' attrici spejjez gudizzjarji a bazi ta' taxxi ufficjali dwar kawzi ohra bejniethom u dawn ghandhom jigu pacuti ma' kull ammont pretiz;

iii. Illi l-kawza hija nulla stante li s-sorte huwa incert u vag, apparti li dan gie ndikat fuq quddiem bhala erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm458.35c) u f'pagna tnejn bhala erba' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm453.39c); u

iv. B'riserva ta' kull eccezzjoni ohra, inkluza dik tal-preskrizzjoni, wara li s-socjeta' attrici tipprova ta' x'hiex u ghal liema perjodu ta' zmien qed jintalab il-hlas.

Ra li l-kawza marret Sine Die fis-6 ta' Novembru, 2006 u giet riappuntata ghas-smiegh ghas-16 ta' Jannar, 2007.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz ma deherx ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Illi fil-parti tal-faccata ta' quddiem il-valur tat-talba hija ndikata bhala erba' mija u tmienja u hamsin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm458.35c). Fil-premessi tal-kawza l-ammont mitlub huwa ndikat bhala erba' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm453.39c) – differenza ta' inqas minn hames liri Maltin (Lm5). Dan huwa ammont minimu li jikkwalifka bhala *de minimis* u ma jrendix l-Avviz bhala null izda jillimita' l-

kompetenza ta’ dan it-Tribunal ghall-ammont inferjuri miz-zewg figuri.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-imsemmi Kapitolu u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-eccezzjonijiet imressqa huma ghalhekk michuda.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erba’ mija u tlieta u hamsin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm453.39c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------